MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1616/2004

**Image Systems Ltd (C4052)**

**vs**

**AZ Ink Co. Ltd. (C8804)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Awissu, 2004 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u erbgha u disghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm494.20) prezz ta' servizzi u "supplies" provduti mis-socjeta` attrici lil dik tal-konvenuta;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 14 ta' Mejju 2003, u bl-imghax legali sal-effettiv pagament, kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li fil-5 ta' Mejju, 2005 deher Alfred Zahra De Domenico ghas-socjeta` konvenuta li ddikjara li qed jikkontesta t-talba.**

**Semgha x-xhieda ta' Ian Romano u Alfred Zahra De Domenico. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-kawza qed issir ghall-hlas ta' servizzi ta' reklamar rezi mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta.**
**2. Ian Romano spjega li s-socjeta` konvenuta kellha credit period ta' bejn tletin u sittin jum, u kien wara li ghadda dan il-perijodu illi s-socjeta` konvenuta qalet li ser taghmel il-pagament skond payment schedule permezz ta' seba' cekkijiet. Dana jirrizulta mill-fax Dok.IM2 datat 23 ta' Settembru, 2002. Jirrizulta ukoll li minn dawn is-seba' cekkijiet l-ahhar tnejn gew "referred to drawer" (vide fol.27 tal-process). Dawn ta' l-ahhar kienu jammontaw ghall-mitejn u zewg liri Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm202.43).**
**3. Wara li intlahaq il-ftehim tal-pagamenti kienu hargu invoices ohra li jammontaw ghad-differenza. Biex jissostanzja dak li qed jghid hu ipprezenta l-ordnijiet tax-xoghol.**
**4. Alfred Zahra de Domenico ghas-socjeta` konvenuta jghid li kien hemm diversi firem ta' nies mhux awtorizzati. Pero` din definittivament ma ghandiex tbati ghaliha s-socjeta` attrici. Ghalhekk it-talba attrici tirrizulta pruvata.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba mija u erbgha u disghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm494.20), bl-imghaxijiet legali mill-14 ta' Mejju, 2003 sal-effettiv pagament.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 14 ta' Mejju, 2003, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------